MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**ANTHONY ELLUL**

Seduta tal-25 ta' Marzu, 2003

Talba Numru. 11/2003

**Kosmipharma Imports Ltd**

**Vs**

**Home Glo Trading Co Ltd**

**It-Tribunal**,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm264.50), prezz ta' merkanzija u mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm is-socjeta konvenuta giet debitament notifikata, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi.

Ra li fis-seduta tal-14 ta' Frar 2003 dehret Marie Therese Triganza in rapprezentanza tas-socjeta konvenut li ddikjarat *"li hija d-direttur tas-socjeta konvenuta u*

*li qeghda tikkontesta l-kawza stante li l-ammont mitlub gie mhallas”*.

Fis-seduti ta’ wara hadd ma deher in rapprezentanza tas-socjeta konvenuta u ma tressqux provi in sostenn tad-difiza.

Semgha x-xhieda ta’ l-avukat Dr. Edward Gatt in rapprezentanza tas-socjeta attrici li kkonferma li l-ammont pretiz ghadu dovut u li minn verifiki li saru rrizulta li l-hlas ma sarx.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13(b) tal-Att V tal-1995, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u erbgha u sittin lira Maltija u hamsin centezmu (Lm264.50), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur.**

---------------------------------TMIEM---------------------------------